# Uħud mill-pillboxes li nsibu fil-Mellieħa – 5

## Kitba ta' Charles Debono

Dan huwa l-ħames artiklu f'din is-sensiela dwar il-*pillboxes* li nsibu fir-raħal tagħna. Bil-mod il-mod qegħdin nduruhom kollha, pero' għad fadal ftit oħra biex intemmu din is-sensiela. Dawk kollha li ħadu interess f'din is-sensiela jiftakru li l-bidu tagħha jmur lura sa l-1999. F'dik is-sena ġieni ħsieb biex nibda nikteb xi ħaġa dwar kull *pillbox* li hawn fil-Mellieħa, u fil-fatt hekk għamilt. Ma kienx faċli li toqgħod iddur fix-xagħri numerużi tagħna u tfittex biex tara ssibx minn dawn l-istrutturi militari.

Peress li ħafna minnhom kienu jiffurmaw parti minn linja difensiva la ssib waħda u tħares sew u bir-reqqa fuq ix-xellug u l-lemin tiegħek tara diversi *pillboxes* oħra. Mill-banda l-oħra kien ta' sodisfazzjon għalija li fil-ħin liberu tiegħi nimxi fil-kampanja sabiħa Melliħija, infittex u wara noqgħod fil-kwiet nikteb, wara li nkun flejthom sew dwar dawn l-istrutturi. Dawn il-binjiet militari jiffurmaw parti integrali mill-istorja tar-raħal tagħna ta' matul it-Tieni Gwerra Dinjija, li l-għan tagħhom kien li jiddefendu lir-raħal tagħna u lil Malta minn xi attentat ta' invażjoni mill-avversarji ta' pajjiżna ta' dak iż-żmien. Għad fadal xi anzjani li kienu suldati u kienu stazzjonati fihom, u nieħu pjaċir nismagħhom jirrakkuntaw meta nintervistahom, u jitkellmu dwar id-dmir tagħhom ta' dak iż-żmien, dak li jiddefendu lil pajjiżna. Dawn huma nies li għandhom jitqiesu ta' eroj, li ġġieldu u ddefendew lil Malta iktar minn sittin sena ilu u hija ħasra li dak li għamlu ġie mwarrab jew intesa.



In-naħa tal-lemin tal-pillbox minn wara, li hemm f'ta' Xquq, viċin Popeye's Village. F'din il-parti hemm mill-bukkaport u t-toqba għal machine-gun fit-tieni sular.



In-naħa tax-xellug ta' l-istess pillbox minn wara wkoll.

Dawn li ġejjin huma l-*pillboxes* li ser nitkellmu fuqhom din is-sena:

L-ewwel *pillbox* li sen nitkellmu xi ħaġa dwarha hija dik ta' li qiegħda f'Ta' Xquq fit-tarf ta' l-irdum viċin *Popey Village*. id-disinn ta' din l-istruttura hu uniku fil-Mellieħa għax m'hawnx aktar bħala. Din il-*pillbox* hija waħda minn dawk li nbnew bejn l-1939 – 42, għandha żewġ sulari, hija tawwalija, u għandha forma xi ftit irregolari. Il-bukkaport tagħha qiegħed fuq il-lemin. Kważl nofs il-*pillbox* li qiegħda fuq il-lemin hija mibnija b'żewġ sulari, u fil-ħajt tal-kantuniera ta' wara hemm toqba tawwalija għal *machine-gun*. Parti mill-ewwel sular, li qiegħda fuq il-lemin tal-*pillbox* ukoll hija maħruġa xi ftit 'il barra. F'din il-parti tal-ħajt tal-faċċata, li jħares lejn il-baħar hemm żewġ



Il-beachpost li hemm fit-tieni bajja ta' Għajn Tuffieħa



Id-deathpost li hemm mhux 'il bogħod ħafna mit-triq li tagħti mill-Bajja ta' l-Għadira għal Marfa. Din il-pillbox hija waħda mill-isbaħ li għandna fil-Mellieħa

toqbiet wisgħin għal *machine-guns*. Ftit 'il ġewwa mit-tieni toqba hemm ħajt li hu simili għal ċumnija, fejn hemm bukkaport ieħor ħalli f'każ li l-istruttura militari tiġi attakkata bil-gass, is-suldati jkunu jistgħu jsalvaw ħajjithom. Il-parti tax-xellug tal-*pillbox* hija mibnija sular wieħed u fil-ħajt tax-xellug hemm biċċa konkos forma ta' kaxxa mqabbża 'il barra.

It-tieni *pillbox* hija dik li qiegħda fuq l-istess naħa tal-kosta Mellieħija pero' tiġi fuq ir-riħ tat-tieni bajja ta' Għajn Tuffieħa. Din il-*pillbox* jew aħjar *beachpost* hija verament żgħira u jekk ma tħarisx lejha sew lanqas tinduna li hija struttura militari. Din il-binja għandha forma ta' kaxxa, għandha żewġ toqbiet għal *machine-guns* fil-ħitan tal-lemin u tal-faċċata. Fuq wara għandha l-bukkaport u l-ħajt tal-lemin qiegħed imdaħħal 'il ġewwa ġo l-għolja.



Iż-żewġ strutturi li f'waħda kien hemm searchlight fuqha (lemin) u fl-oħra kien hemm mill-ġenerejter (xellug).

Dawn il-*pillboxes* u strutturi militari oħra li ġejjin kienu jiffurmaw parti mit-tieni linja ta' difiża li tiġi wara dik li kienet tibda miċ-Ċirkewwa sa l-Armier:

L-ewwel *pillbox* jew aħjar *depthpost* li se nitkellem fuqha u li kienet tifforma parti mit-tieni linja ta' difiża, hija dik li qiegħda fil-lvant tat-Torri l-Aħmar, mhux 'il bogħod ħafna mit-triq li tagħti mill-Bajja ta' l-Għadira għall-Marfa. Din l-istruttura militari tiġi fuq ir-riħ tat-triq li tagħti mill-Marfa għall-Bajja ta' l-Għadira, pożizzjoni strateġika li setgħet ittellef lill-għadu jekk kien se jinvadi lil Malta. Din id-*depthpost* għandha l-faċċata ġejja għan-nofs tond, żewġ toqbiet għal *machine-guns* fl-istess ħajt, turretta fuq is-saqaf u l-bukkaport qiegħed fil-ħajt ta' wara. Fuq ġewwa l-*machine-guns* kienu jitpoġġew fuq biċċa konkos forma ta' nofs tond, u s-suldati li kienu magħhom kellhom bankijiet tal-konkos, biex huma setgħu jisparaw minn bil-qiegħda wkoll. Din il-*pillbox* għadha f'kundizzjoni tajba ħafna u jekk tmur ħdejha tista' tapprezza ħafna s-sbuħija ta' din l-istruttura militari.



Id-depthpost li hemm fl-irdum tad-Dahar, xi ftit tad-distanza 'il bogħod mit-Torri l-Aħmar. Bejn din il-pillbox u t-Torri l-Aħmar hemm diversi strutturi militari żgħar jiffurmaw parti mill-istess linja difensiva

Quddiem din il-*pillbox* u wkoll parti minn din il-linja ta' difiża, hemm żewġ strutturi żgħar forma ta' kaxxu u miksijin bil-ġebel tas-sejjieħ, li fuq waħda minnhom kienet twaħħlet *searchlight*. Fil-lemin ta' din il-binja militari hemm struttura oħra żgħira li pero' fiha kien hemm il-ġenerejter ta' l-istess *searchlight*. Il-binja bis-*searchlight* fuqha kienet tintuża biex bil-lejl is-suldati tal-KOMR, li kienu stazzjonati f'dawn l-inħawi, setgħu jgħassu sew bil-lejl billi jdawlu l-bajja tal-Marfa. Apparti għal okkażjonijiet bħal dawn, is-*searchlight* kienet se tkun utli ħafna f'każ li l-għadu jiddeċiedi li jinvadi lil Malta bil-lejl. B'dan l-apparat is-suldati setgħu jdawlu dawn l-inħawi, speċjalment it-triq li tagħti mill-Marfa għall-Bajja ta' l-Għadira, u jiddefendu sew il-postazzjonijiet tagħhom, mingħajr ma jkollhom jistennew sa l-għada fil-għodu. Sa dak il-ħin l-għadu jkun ilu li ħa jew qered il-qagħdiet tagħhom mingħajr ma s-suldati Maltin jkunu jistgħu jagħmlu xejn biex jiddefendu.

*Pillbox* oħra li tifforma parti mill-istess linja ta' difiża imma li qiegħda xi ftit imbeda mhux ħażin minn dik li għadna kif tkellimna fuqha, u li wkoll tifforma parti mill-istess linja difensiva hija dik li qiegħda fuq l-Irdum ta' d-Dahar. Din il-*pillbox* jew aħjar *depthpost*, peress li kif għedt qabel, tifforma parti mit-tieni linja ta' difiża. Id-*depthpost* qiegħda fil-punent tat-Torri l-Aħmar, u fil-lvant tagħha

hemm diversi *pillboxes* żgħar li s-sena l-oħra tkellimna dwarhom. Din l-istruttura għandha forma rettangulari, u fil-ħitan li jħarsu lejn il-bajjiet tal-Marfa u ċ-Ċirkewwa, għandha żewġ toqbiet għal *machine-guns*, fil-ħajt ta' wara għandha l-bukkaport. Din l-istruttura militari hija wkoll miksija bil-ġebel tas-sejjieħ.



Waħda miż-żewġ toqob għal machine-gun ta' l-istess depthpost.

Ftit 'il bogħod minnha, fl-istess irdum hemm *pillbox* oħra li għandha l-istess forma ta' dik preċedenti, jiġifieri rettangulari. Din il-*pillbox* li taqa' wkoll taħt il-kategorija ta' *depthpost*, għandha tliet toqbiet għall-ixkubetti fil-ħitan tal-faċċata, f'tal-lemin kif ukoll f'dak tax-xellug, u fil-ħajt ta' wara hemm mill-bukkaport. Id-*depthpost* hija miksija bil-ġebel tas-sejjieħ biex ikunu jaqblu ma' l-ambjent ta' madwar kif ukoll bħal *camouflage* naturali.

Fuq ix-xellug ta' din id-*depthpost*, xi ftit 'il bogħod minnha, hemm struttura żgħira oħra li fuqha kien hemm *searchlight* għall-istess għan ta' dik li tkellimna fuqha iktar qabel. L-għan tas-*searchlight* ta' din l-istruttura militari, li tiġi fil-punent tal-*pillbox* preċedenti, kien li titfa' dawl fuq il-Bajja taċ-Ċirkewwa, u b'hekk is-suldati setgħu jżommu għassa sew u jkunu jistgħu jaraw biex jilqgħu kontra xi nżul mill-għadu. Ftit 'il bogħod minnha hemm ukoll binja żgħira li fiha kien hemm l-ġenerejter tas-*searchlights*. Jidher li kien hemm ta' l-inqas tnejn minn dawn l-istrutturi żgħar, jiffurmaw parti minn din il-linja difensiva.

Dawn kienu l-*pillboxes* li tkellimna xi ħaġa dwarhom



Id-depthpost i hemm ftit 'il bogħod minn dik preċedenti. Minn dan l-angolu jidher il-bukkaport u fl-isfond tidher il-Ponta ta' l-Aħrax

din is-sena. Kif għedt qabel għad fadal numru ieħor ta' *pillboxes* x'nitkellmu fuqhom, u għalhekk mela s-sensiela se tkompli s-sena d-dieħla. Hawn diversi minnkom li qegħda togħġobhom din is-sensiela u dan l-interess jagħmilli iktar kuraġġ biex inkompli nikteb daw il-wirt storiku li għandna fir-raħal tagħna. Fir-raħal tagħna għandna numru ġmielu ta' *pillboxes*, peress li nzertaw inbnew f'inħawi fejn ma telax bini għadna nistgħu ngawduhom sal-lum wara iktar minn sittin sena weqfin, donnhom għadhom jistennew l-għadu li qatt ma ħabat għalihom.



L-istruttura militari li fuqha kien hemm searchlight li l-għan tagħha kien li jdawwal il-Bajja ttaċ-Ċirkewwa. Fl-isfond tidher iċ-Ċirkewwa